# L-Orsolini – Mitt Sena Fostna

Joseph Goggi S.Th. Dip.

## Monsinjur Isidor Formosa

Is-Sorijiet Orsolini twaqqfu bħala Ordni Reliġjuż Femminili u Apostoliku f'Malta minn Mons. Isidor Formosa (1851 – 1931), sewwasew fit-28 ta' Jannar 1874. Sa minn meta kien għadu suddjaknu, Mons. Formosa kien maħtur prokuratur tal-knisja tal-Vitorja fil-Belt Valletta mill-Arċisqof Gejtanu Pace Forno OSA. Mons. Formosa minn dejjem kellu għal qalbu l-edukazzjoni tat-tfal għall-fat li hu kien maħtur mill-istess Arċisqof biex jgħallem id-duttrina lil kważi mitejn tifel u tifla mill-Belt Valletta stess.

## Komunità fi Gwardamanġa

Kien fis-sena 1909 li s-sorijiet Orsolini ġew fi Gwardamanġa. Il-kappella ddedikata lill-Madonna ta' Loretu ġiet imbierka nhar il-festa tal-Madonna ta' Loretu, fl-10 ta' Diċembru. L-ewwel komunità fil-kunvent il-ġdid kienet iffurmata mis-sorijiet Marija Agostina Gauci Maistre u Giovanna Mallia, li kienu ta' għajnuna kbira għal Mons. Formosa, flimkien ma' Antonja Cascha, Maddalena Vella, Anjeże Inguanez, Katarina Bonnici u Filomena Fenech.

## Knisja Ġdida

Minħabba l-ħajja pastorali, appostolika u edukattiva li kienu nvoluti fiha s-sorijiet, kien hemm bżonn li tinbena wkoll knisja biex taqdi wkoll l-inħawi tal-madwar. Mons. Formosa xtaq li l-knisja tinbena fuq stil li kien jixbah lill-Bażilika tal-Madonna ta' Loretu fl-Italja, tal-anqas minn ġewwa. Huwa stampa anki inviti fejn huwa talab għal għotjiet biex tinbena l-knisja. Dawn l-inviti jġibu d-data tal-15 t' Awwissu 1912. Appell ieħor deher fil-gazzetta "Malta" tal-20 ta' Ottubru 1922. Dan ifisser, li, sa għaxar snin wara, l-knisja kienet għadha mhix lesta. Ix-xogħol kien waqaf għax kien hemm nuqqas ta' qbil 'l fejn kellha tiġi tħares il-knisja. Għall-bidu, skont il-bini li kien diġà tela' din kellha tħares 'l isfel lejn l-Imsida. Wara li kien intlaħaq ftehim, twaqqa' l-kor li kien kważi lest u tħażżet pjanta oħra bil-knisja tħares lejn it-triq, kif narawha llum. Saru pjanti ġodda mill-Perit Joseph Cachia Caruana. L-Imgħallem tax-xogħol kollu kien Ġanni Pisani.

Nhar l-1 ta' Mejju 1928, l-Arċisqof Dom Mawru Caruana OSB, bierek l-ewwel ġebla tal-knisja l-ġdida li kellha tkun ddedikata lill-Madonna ta' Loretu. Fuq il-ġebla tħażżet kitba bil-Latin, li bil-Malti taqra hekk: "Fl-1 ta' Mejju 1928, fil-Pontifikat tal-Papa Piju XI, l-Arċisqof ta' Malta Dom Mawru Caruana OSB, bierek din l-ewwel ġebla tal-knisja li qed tinbena mir-Rettur tal-Orsolini, il-Kanonku Isidor Formosa." Il-Parrini kienu Anton Cassar Torregiani u John B. Agius. Dawn offrew ukoll £10 għall-bini tal-knisja. Ix-xogħol tlesta sas-sena 1938 u l-ewwel quddiesa tqaddset minn Mons. Pawlu Gauci, Vigarju tas-Sorijiet. L-istatwa fuq l-artal maġġur turi lill-Madonna ta' Loretu bil-Bambin f'idejha. Din inħadmet fuq il-post mill-iskultur Willie Apap fl-1949, ħdax-il sena mill-ftuħ u t-tberik tal-knisja.

Il-knisja li naraw illum għandha stil romantiku, li hu l-istil ta' qabel il-gotiku. Għandha tul ta' aktar minn 48 metru u wisa ta' 20 metru waqt li l-għoli sal-koppla hu ta' 22 metru. Din kienet ġiet tiswa £13,000, li minbarra xi għotjiet oħra, ġiet imħallsa minn Mons. Formosa innifsu. Fost għotjiet oħra, ta' min isemmi li l-istess Monsinjur kien offra l-artijiet kollha biex tinbena d-dar, il-knisja u l-istitut.

Il-knisja ġiet ikkonsagrata fis-26 t'Awwissu 1950 mill-Arċisqof Metropolitan Mons. Mikiel Gonzi.

L-artal maġġur sar fuq disinn tal-Perit Joseph Cachia Caruana fl-1949. L-irħam kien intarsjat porta santa, broccatello di Siena, fior di pesco u onice verde. L-artali tal-ġnub saru wieħed fl-1938 ddedikat lil Santa Tereża tal-Bambin Ġesu' u l-ieħor fl-1951 ddedikat lill-fundatriċi tal-Ordni tal-Orsolini Santa Anġela de Merici. Il-kwadri titulari għal dawn l-artali tpittru minn Toussaint Busuttil miż-Żejtun. Il-pulptu kien sar fl-1958 imma kien żarmat aktar tard u mill-irħam tiegħu saru l-ambone u l-leġiju għall-qari tal-Kelma ta' Alla.

F'Ġunju 1946 inġiebu sett ta' tliet qniepen mill-funderija ta' John Taylor Bellfounders ta' Loughbourgh fl-Ingilterra, li kienu swew £500. Il-qniepen kienu kkonsagrati bir-rit Ruman mill-Arċisqof Mikiel Gonzi. Dan is-sett huwa wieħed minn tal-bidunett li nġab Malta minn dil-funderija Ingliża. Magħhom fuq l-istess vapur, kienu nġiebu sett ta' ħames qniepen għall-Parroċċa tas-Santissmu Salvatur ta' Ħal Lija u sett għall-knisja tal-Madonna tas-Samra tal-Ħamrun. Il-parrini fil-konsagrazzjoni tal-qniepen kienu s-sinjuri Nazju Bonavia, Luqa Gauci u l-Kavallier Manwel Borg. Il-Qanpiena l-kbira tgħammdet Loreta, għat-titular tal-istess knisja u tiżen 358 kilogrammi. Il-Fustanija tgħammdet Angela, għal Santa Angela de Merici - il-fundatriċi tas-Sorijiet Orsolini u tiżen 128.8 kilogrammi. Il-Qanpiena ż-żgħira tgħammdet Isidora għal Monsinjur Isidor Formosa u tiżen 117.6 kilogrammi. Ħa ħsieb ix-xogħol kollu s-Sur Ġuże' Galea, iben il-magħruf Alfons Marija Galea. Dan kien ukoll il-prokuratur tas-Sorijiet.



Monument ta' Mons. Isidor Formosa fi pjazza msemmija għall-istess Monsinjur inawgurat fid-19 ta' Marzu 2010 fl-anniversarju tal-100 sena.

## L-Istitut

Il-bini tal-Istitut beda kif diġà ktibna fl-1909 fuq art magħrufa bħala Tal-Bordin. Dan infetaħ u tbierek uffiċjalment f'Diċembru 1910, eżattament MITT SENA ILU (1910-2010). Dan l-istitut inbena bi skop: dak li jaqdi l-edukazzjoni spiritwali u temporali tat-tfal l-aktar foqra li l-ġenituri tagħhom kienu jħalluhom trabi biex huma jkunu jistgħu jmorru jaħdmu.

## Angela House

Oriġinarjament din id-dar kienet inbniet biex tilqa' fiha tfal abbandunati, iltiema jew ulied ta' żwiġijiet imfarrka. Il-pjanta tad-dar tħażżet mill-Perit Roger Degiorgio. L-Arċisqof Mikiel Gonzi qiegħed l-ewwel ġebla fis-7 t'April 1957. Kien fih sitt appartamenti bi tnax –il tfal kull wieħed jgħixu bħala familja u tieħu ħsiebhom soru minflok ommhom. It-tfal bniet jgħixu hawn mill-eta' ta' sena sa sittax –il sena u t-tfal subien mill-eta' ta' sena sa disa' snin. Id-dar, li ġiet tiswa £52,000, issemmiet għall-fundatriċi Angela Laycock.

## Awguri

B'digriet tal-Arċisqof Mons. Pawlu Cremona O.P., fl-2009, il-knisja tal-Madonna ta' Loretu, id-Dar tas-Sorijiet u Angela House tas-Sorijiet Orsolini fi Gwardamanġa ġew smembrati mill-Parroċċa Matriċi ta' San Ġużepp tal-Imsida u bdew jiffurmaw parti mill-Parroċċa tal-Madonna tar-Rużarju ta' Fatima ta' Gwardamanġa.

Il-Parroċċa tifraħ u tawgura lis-Sorijiet Orsolini fl-**okkażjoni tal-mitt sena fostna fi Gwardamanġa.**

## Bibliografija

A. Guillaimier, Bliet u Rħula Maltin, 1972
J. Calleja, L-Imsida l-bieraħ u llum, Vol I, 1989
J. Goggi, Qniepen f' Malta u Għawdex u f'pajjiżi oħra, 2003
T. Sciberras, Attivitajiet Kateketiċi f'Malta 1545-1933, 2008

## Ġurnali

**Malta**
20 ta' Ottubru 1922
28 ta' April 1928
30 ta' April 1928
3 ta' Mejju 1928

**Il-Berqa**
12 ta' Awwissu 1946

**Times of Malta**
8 ta' April 1947

**Leħen is-Sewwa**
28 ta' Novembru 1948

## Testment

Monsinjur Isidor Formosa, 19 t'Awwissu 1930, fl-atti tan-Nutar Carlo Micallef de Caro jerġa' jikkonferma l-għotja ta' artijiet li kien għamel lis-Sorijiet għall-bini tal-knisja, Istitut eċċ.